MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 1/2012

**Alexandra sive Alex MANGION**

**Vs**

**Patrick u Catherine konjugi VASSALLO in rapprezentanza ta' binthom minuri Emma VASSALLO**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tal-attrici mressqa fid-9 ta' Jannar, 2012** u li permezz taghha hija attrici talbet lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' seba' mitt ewro [€700] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi waqt ir-relazzjoni li kien hemm fis-sehh bejn Alexandra sive Alex Mangion u Emma Vassallo, l-attrici selfet lil konvenuta *laptop*. Izda meta r-relazzjoni ta' bejniethom ittemmet Emma Vassallo minflok illi rritornat il-*laptop* kif suppost peress illi tali *laptop* kien moghti lilha

semplicement b'self, hi bieghet tali *laptop* unilateralment u minghajr l-ebda permess mill-attrici;

Illi l-konvenuta u l-genituri taghha in rapprezentanza ta' binthom minuri gew interpellati kemm-il darba biex jhallsu l-ammont ta' seba' mitt ewro (€700), rapprezentanti hlas ghal *laptop*, imma dejjem baqghaw inadempjenti;

Illi ghalhekk qieghed jigi mitlub illi l-konvenuta u l-genituri taghha in rappresentanza ta' binthom minuri jitresqu quddiem dana t-Tribunal u jigu ordnati jhallsu s-somma ta' seba' mitt Ewro (€700) jew kull provvediment li jidher xieraq minn dana t-tribunal.

Bl-ispejjez ta' dina l-kawza u ta' l-ittra ufficjali datata 14 ta' Dicembru 2011 u ta' l-ittra legali datata 30 ta' Novembru 2011 u bl-imghaxijiet legali sad-data ta' l-effettiv pagament".

Ra **r-risposta tal-konvenuti in rapprezentanza ta' binthom minuri Emma Vassallo** minnhom mressqa fit-30 ta' Jannar, 2012 u li permezz taghha huma ecceppew hekk:

"1) Illi skond kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza mhuwiex minnu li l-attrici kienet selfet biss l-*laptop* in kwistjoni lill-minuri Emma Vassallo izda l-istess *laptop* kien mibjugh lill Emma Vassallo li hallset l-ammont tal-prezz mitlub fl-intier tieghu, u ghaldaqstant kellha kull dritt li tbieghu minghajr ebda partecipazzjoni da parti tal-attrici, jew kwalunkwe forma ta' permess miksub minnha;

2) Illi li kieku verament kien minnu li l-*laptop* in kwistjoni gie semplicement misluf, l-attrici kienet titlob li jigi ritornat malli r-relazzjoni intemmet, u mhux tivvanta l-pretenzjonijiet taghha xhur wara, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3) Illi – dato ma non concesso – jekk dan it-Tribunal jasal ghal konkluzjoni li sar att ta' self u mhux bejgh bejn il-

partijiet, allura s-somma mitluba mill-attrici tikkostitwixxi arrikkiment indebitu, stante li kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-*laptop* in kwistjoni kien fi stat hazin hafna, kien ghadda z-zmien minn fuqu u zgur kien jiswa hafna inqas mis-somma li qed tippretendi l-attrici, anke tenut kont tal-fatt ben maghruf li l-valur ‘second hand’ ta’ dawn it-tip ta’ oggetti huwa ferm minimu;

Ghaldaqstant it-talba attrici ghandha tigi respinta, bl-ispejjez kontra taghha, stante li hija nfondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun hemm bzonn; L-attrici hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni taghha”.

Ra l-verbal datat 23 ta’ Mejju, 2012 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha’ x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. **Emma Vassallo**, xehdet fis-seduta tat-3 ta’ April, 2012. Hija stqarret li hi u l-attrici ghamlu bejn Gunju 2010 u Mejju, 2011 johorgu flimkien. F’dan il-perjodu, l-konvenuta tghid li hija xtrat u akkwistat *laptop computer* minghand l-attrici bil-prezz ta’ mija u disghin euro (€190). Hija tghid li l-attrici kienet xtrat *laptop* gdid u ghalhekk, peress li l-attrici ma kellhiex bzonn dan il-“*laptop l-antik*” (fol. 13) xtratu hi. Il-konvenuta tghid li “*... dan il-laptop jiena kont hadtu jissewwa ghand habib tieghi jismu Alan Saydon u sewwihuli, ma zammli l-ebda flus, ghamilli x-xoghol li kien hemm mehtieg bhala favur*” (fol. 13). Sussegwentement, tghid il-konvenuta, hija bieghet dan il-*laptop* ghal erba’ mitt euro (€400). Wara li kien sar il-bejgh, il-konvenuta kienet iltaqghet ma’ l-attrici u din ta’ l-ahhar kienet taghtha x’tifhem li riedet il-*laptop* lura. Il-konvenuta ziedet tghid ukoll li “*meta jiena kont gejt mitluba sabiex inhallas id-differenza fil-prezz li jiena kont*

*xtrajtu u l-prezz li jiena kont beghtu ghandi nghid illi kont accettajt dan is-suggeriment liema suggeriment kien sar da parti tal-attrici...*" (fol. 13).

Dawn il-mitejn u ghaxar ewro (€210) il-konvenuta baqghet qatt ma taghthom lill-attrici u dan peress li "*Jiena zammejt dawn il-flus il-ghaliex kont qed nippretendi illi la strajt il-laptop bis-somma ta' mija u disghin ewro dak kien tieghi u allura stajt inbieghu bil-prezz li rrid lil minn irrid u kif irrid*" (fol. 14).

2. Fl-istess seduta xehed **Patrick Vassallo**, li qal illi meta bintu l-konvenuta irritornat lura d-dar u kellha maghha *laptop*, huwa staqsieha kif kien gie ghandha. "*Hija qaltli li kien tajulha cioe tatulha l-attrici*" (fol. 15) imbaghad iktar tard waqt id-deposizzjoni tieghu jghid li "*Fiz-zmien meta nxtara dan il-laptop binti ma kinitx tahdem*". Meta bintu ma kienitx id-dar, ix-xhud qal li kien ha l-*laptop* mieghu fil-bitha biex jara x'kien fih. Meta ra li ma kien fih xejn anzi ma kienx qieghed jahdem sew, huwa ikkonkluda li "... *dan il-laptop kien bicca mbarazz iehor li l-attrici riedet tehles minnu*" (fol. 15).

In kontro-ezami, dan ix-xhud ghadda biex esebixxa diversi dokumenti sabiex juri lit-Tribunal li *laptops* simili ghal dak li bintu l-konvenuta kienet xtrat minghand l-attrici kienu ferm irhas mill-ammont li qeghda titlob l-attrici permezz ta' dawn il-proceduri.

3. **Catherine Vassallo**, omm il-konvenuta, ikkonfermat li l-*laptop* ma kienx jahdem u li dan kien inghata lilha mill-attrici.

4. Fis-seduta tat-3 ta' April, 2012 xehed **John Mangion**, missier l-attrici li qal li qabel ma l-attrici kienet tat dan il-*laptop* lil konvenuta, hija kienet talbet permess minghandu. Huwa ta l-kunsens tieghu sabiex l-attrici tkun tista tislef dan il-*laptop* lill-konvenuta "*... bil-patt u l-kundizzjoni li kellu jigi lura*" (fol. 17). Dwar il-kundizzjoni tal-*laptop*, dan ix-xhud ighid li din kienet tajba u sahansitra kellu Windows 7 installat fuqu.

5. L-**attrici** xehdet u qalet li hi selfet il-*laptop* lill-konvenuta wara li kienet hadet parir minghand missierha. L-attrici tghid ukoll li minkejja li r-relazzjoni ta' bejniethom spiccat f'Mejju, 2011, huwa xorta wahda baqghu jiltaqaw sakemm f'Settembru, 2011 hija skopriet li l-konvenuta kienet qeghda tohrog ma Alan Saydon. Il-*laptop* kien inghata lill-konvenuta madwar xahar qabel ma intemmet ir-relazzjoni taghhom – cirka April, 2011 – u meta f'Novembru, 2011 il-konvenuta kienet cemplet lill-attrici, din ta' l-ahhar hadet l-opportunita sabiex titlobha lura l-*laptop*. Peress li l-konvenuta baqghet ma rritornatx dan il-*laptop*, hija kellha tirrikorri ghal proceduri gudizzjarji. L-attrici tghid li meta tkellmu f'Novembru, 2011 "*... l-konvenuta qaltli biex intiha ftit taz-zmien peress illi ma kellix flus fuqha dak iz-zmien*" (fol. 18). Dwar il-ftehim li kien intlahaq bejn il-kontendenti, l-attrici tghid li "*Il-konvenuta kienet ser taghtini mitejn u tmenin ewro. Jiena tlabtha dan l-ammont peress illi kont naf is-sitwazzjoni finanzjarja taghha. Illi kieku hallsitni dawn il-mitejn u tmenin euro allura jiena kont nikkunsidra l-kwistjoni bhala maghluqa*" (fol. 18).

L-attrici uriet messagg (sms) lit-Tribunal li jaqra hekk: "*Please don't *** it's all I need right now anki Timmy qed ibghati cause of what is going on and if you proceed it will just make matters worse, I will pay you back when I have the money, you got what you wanted I am f....d and miserable and I have nothing else left, have some sympathy or pray for me, don't answer back you don't deserve to*". Dan il-messagg intbaghat fit-3 ta' Novembru, 2011 fis-6.41p.m.

Dwar l-istat tal-*laptop,* l-attrici tghid li dan kien jiffunzjona tajjeb u li ma kellhiex problemi bih. Finalment tghid li hi qatt ma basret li l-konvenuta kienet ser tbiegh dan il-*laptop*.

6. Permezz ta' nota mressqa mill-attrici fis-17 ta' April, 2012 gew esebiti xi dokumenti in konessjoni max-xiri u akkwist ta' dan il-*laptop*. Dwar dawn id-dokumenti xehed

**John Mangion** fis-seduta tat-23 ta' Mejju, 2012 li qal li l-*laptop* in kwistjoni kien inxtara bil-prezz ta' £777 u inxtara minghand John Lewis ta' Oxford Street, f'Londra. Dan inxtara fil-bidu tas-sena 2009 mill-attrici pero intuzat il-*card* tieghu[1]. Meta huwa pprova jakkwista r-ricevuta ghal dan il-*laptop* minghand il-hanut John Lewis, huwa gie nfurmat li huma kienu jehtiegu l-*order number* sabiex ikunu jistghu jaghtuh kopja tar-ricevuta, izda peress li huwa ma kellux dan in-numru, allura kopja tar-ricevuta ma setatx tintbaghtlu.

Ikkunsidra ulterjorment;

7. Permezz ta' din il-kawza, l-attrici qeghda titlob il-hlas ta' €700 minghand il-konvenuta u dan bhala valur ta' *laptop* li l-attrici kienet silfet lill-konvenuta u din ta' l-ahhar minghajr ma kellha l-ebda permess jew awtorita mill-attrici qabdet u bieghet l-istess *laptop*.

8. Da parti taghha, l-konvenuta tilqa ghal din ix-xilja billi tghid li dan il-*laptop* kien gie mibjugh lilha mill-attrici u li hi kienet hallset lill-attrici l-prezz miftiehem. Tkompli tghid ukoll li kieku dan il-*laptop* kien misluf lill-konvenuta, allura l-attrici ma kienitx thalli sa Novembru, 2011 biex titlobulha lura. Finalment tghid ukoll li jekk it-Tribunal jasal ghal konkluzjoni li l-attrici kienet silfet dan il-*laptop* lil konvenuta, allura s-somma ta' €700 mitluba mill-attrici tikkostitwixxi arrikiment indebitu stante li l-laptop kien fi stat hazin hafna u apparti dan, il-valur ta' *laptop second hand* ikun ferm minimu.

9. Fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia** deciza fl-24 ta' Novembru, 1966 l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili kienet tkellmet dwar l-apprezzament tal-provi u l-piz li ghandu jinghata mill-Qorti lil certu provi u liema ghandhom jigu skartati jew eliminati:

---

[1] Skond l-istatement tal-Bank of Valletta jirrizulta li fit-3 ta' Jannar, 2009 inxtara xi haga minghand id-department store John Lewis ta' Oxford Street bil-valur ta' £777.70 pari ghal €818.59 (dok. AM1 a fol. 48).

"*Illi huwa veru li hemm konflitt kbir bejn il-verzjoni ta' l-attur u dik tal-konvenut, izda mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita li minhabba fih ma tkunx tista tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa fuq ir-regola ta' l-'in dubio pro reo'. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa soggett ghal l-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha, imma meta dan il-konflitt ma jkunx gej minn semplici differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu certu grad ta' tolleranza u li ghalihom sewwa inghad li "tot homines tot sententiae", u lanqas ma jkun gej minn verzjonijiet differenti 'bona fidcidenti li jigru u jintemmu malajr u ghalarrieda, e.g. identita, velocita ta' vejikoli, u cirkostanzi ohra subitanei li fuqhom, skond l-esperjenza komuni, s-sensi jistghu jitqarqu, imma ghal kuntrarju dan il-konflitt jkun jirrigwarda fatti u abitudnijiet li jkunu setghu gew osservati f'perjodu twil ta' snin, bhal f'dan il-kaz, allura jsir car li xi wiehed mill-kontendenti jkun halla l-interess u l-passjoni jelbuh u b'hekk jabbuza mill-process tal-gustizzja. Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandix taqa comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-ikbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq bilanc tal-probabilita u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant, eccezzjoni ta' xi kazijiet gravi li m'ghandhomx rassomiljanza mal-kaz prezenti. Anke f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti*[2]"

10. Inghad ukoll mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deciza fit-12 ta' April, 2007 illi in materja ta' provi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:

---

[2] Ara ukoll f'dan is-sens **George Bugeja vs Joseph Meilak**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru, 2033 per Onor. Imhallef Dr. Tonio Mallia u **Gerald Desira et vs Joseph Barbara** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-9 ta' April, 2010 per Onor. Imhallef Dr. Ph. Sciberras.

(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta’ l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta’ l-attur (reus in excipiendo fit actor)[3].

(2) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, ‘jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta’ l-attur hija sostenuta’[4].

(3) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta’ l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat;

(4) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta’ l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-

[3] Ara Kollez. Vol. XLVI.I.5;
[4] Ara Kollez. Vol. XXXVII.I.577;

razzjonalita, kif ukoll koerenti ma’ l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta’ revizjoni[5].

11. Issa f’dan il-kaz, it-Tribunal huwa rinfaccjat b’zewg verzjonijiet konfliggenti. L-attrici li tghid li silfet il-*laptop* lill-konvenuta, u l-istess konvenuta li tghid li hija xtrat dan il-*laptop* minghand l-attrici. Wara li kkunsidra l-provi mressqa mill-kontendenti, t-Tribunal huwa tal-fehma li l-verzjoni attrici ghandha iktar mis-sewwa u b’hekk huwa qieghed jasal ghal konkluzjoni li l-attrici kienet selfet dan il-*laptop* lill-konvenuta. It-Tribunal wasal ghal din il-konkluzzjoni kemm minhabba dak li stqarret l-istess konvenuta waqt ix-xhieda taghha u cioe li hija kienet qablet li taghti lill-attrici l-ammont li hija kienet dahlet meta bieghet dan il-laptop u kemm minhabba l-sms li l-istess konvenuta kienet baghtet lill-attrici fit-3 ta’ Novembru, 2011 u li permezz tieghu, l-konvenuta qaltilha *“I will pay you back when I have the money*”. Jekk verament kienet xtrat dan il-*laptop*, il-konvenuta ma kellhiex ghalfejn tiftiehem mal-attrici biex taghtiha l-flus li dahlet mill-bejgh tieghu.

12. Inoltre, l-attrici tghid li hija kienet halliet sa Novembru, 2011 biex titlob il-*laptop* lura minghand l-attrici meta r-relazzjoni taghhom kienet intemmet f’Mejju, 2011 peress li fl-ewwel lok, il-kontendenti xorta kienu qeghdin jaraw lil xulxin bejn Mejju u Settembru, 2011 mhux b’mod regolari imma “*on and off*” u fit-tieni lok, meta hija ndunat li l-konvenuta kienet qeghda tohrog ma xi hadd iehor, hi kienet haditha bil-kbir wisq u kienet inghalqet fiha nfisha u ma kellhiex mohh toqghod titlob lill-konvenuta ghal dan il-*laptop.* Meta imbaghad il-konvenuta kienet cemplitilha f’Novembru hija hadet l-okkazzjoni biex titlobha lura dan il-*laptop* u kienet hemm li skopriet li dan il-*laptop* kien inbiegh. It-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita minn din il-posizzjoni ta’ l-attrici.Ghalhekk l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuta sejrin jigu michuda.

[5] Ara Kollez. Vol. XXIV.I.104;

13. Il-konvenuta fit-tielet eccezzjoni taghha tghid li s-somma mitluba fit-talba odjerna tikkostitwixxi arrikkiment indebitu stante li l-laptop kien jinsab fi stat hazin hafna u zgur li kien jiswa ferm inqas mis-somma li kienet qeghda titlob l-attrici. L-attrici f'dan ir-rigward talbet lill-konvenuta thallasha s-somma ta' €700. Dan il-*laptop* inxtara bil-prezz ta' €818.59 fit-3 ta' Jannar, 2009 mid-*Department Store* John Lewis li hemm f'Oxford Street, gewwa Londra. L-attrici selfet dan il-*laptop* lil konvenuta madwar xahar qabel ma ntemmet ir-relazzjoni taghhom f'Mejju, 2011. It-Tribunal jifhem li dan kien f'April, 2011. B'hekk il-*laptop* kien ilu jintuza ghal sentejn u tlett xhur abel ma inghata lill-konvenuta mill-attrici.

14. Il-konvenuta u l-genituri taghha jghidu li dan il-*laptop* ma kienx jahdem tajjeb u kien biss bl-intervent ta' Alan Saydon li gie jahdem. Dan Alan Saydon pero baqa qatt ma ttella jixhed. Oltre dan, il-konvenuta tghid li dan il-*laptop* huwa *second hand* u ghalhekk il-valur tieghu zgur li huwa ferm inqas minn dak li qeghda tirreklama l-attrici. Dwar dan l-ahhar punt, hija xi haga risaputa li oggetti konessi mat-teknologija bhal ma huma *laptops* u *computers* jitilfu hafna mill-valur taghhom u dan anke wara ftit zmien li jkun inxtara. Issa f'dan il-kaz, ghaddew sentejn u tlett xhur min fuq il-laptop qabel ma wasal ghand il-konvenuta u dam xi ftit taz-zmien iehor ghandha qabel ma inbiegh. Missier il-konvenuta esebixxa diversi dokumenti li huwa nizzel mill-*internet* sabiex juri li l-valur ta' *laptops* simili ghal dak li kien inghata mill-attrici lill-konvenuta kien ferm inqas minn dak mitlub mill-istess attrici fil-proceduri odjerni.

15. It-Tribunal jaqbel ma din is-sottomissjoni tal-konvenuta u ma huwiex sejjer jilqa t-talba tal-attrici fl-intier taghha. It-Tribunal huwa tal-fehma, u dan anke fuq bazi ta' ekwita, li l-konvenuta ghandha tirrifondi lill-attrici s-somma ta' erba' mitt euro u cioe l-ammont li hija iddikjarat li bieghet dan l-istess *laptop*.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn dawn

huma b'xi mod inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz, jilqa t-talba attrici limitatament fl-ammont ta' erba' mitt euro (€400) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attrici s-somma ta' erba' mitt euro (€400) bl-imghaxijiet fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data ta din is-sentenza.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------